MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 15/2024 LM

**Joseph Camilleri (K.I. 73952(G))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**ISD Company Limited (C 22334)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Joseph Camilleri (K.I. Nru. 73952(G))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni mogħtija fl-10 ta' Settembru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] li permezz tagħha ddeċieda t-talba tiegħu fil-konfront tas-soċjetà intimata **ISD Company Limited (C**

**22334)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] billi ċaħadha, bl-ispejjeż kontrih.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw sistema ta’ pannelli fotovoltajiċi li l-appellant xtara mingħand is-soċjetà appellata, u li ġiet installata minnha stess fil-proprjetà tal-appellant f’April 2018. Jirriżulta li ftit xhur wara, l-imsemmija sistema sofriet ħsara konsiderevoli wara maltempata, liema ħsara l-appellant attribwixxa lis-soċjetà appellata għaliex allegatament naqset li tagħmel l-installazzjoni tagħha skont is-sengħa u l-arti.

**Mertu**

3. L-appellant ippreżenta lment fil-konfront tas-soċjetà appellata quddiem it-Tribunal fis-26 ta’ Novembru, 2019, fejn spjega l-fatti li wasslu għall-ilment tiegħu, u fejn talab sabiex is-soċjetà appellata tiġi ordnata tagħmel dak ix-xogħol meħtieġ għat-tiswija tas-sistema.

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-17 ta’ Jannar, 2020, fejn issottomettiet li l-ħsara kkawżata fis-sistema kienet xejn għajr riżultat ta’ maltemp li ħakem lill-Gżejjer Maltin.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Ikkunsidra***

*Illi huwa mill-ewwl evidenti illi x-xorta ta' azzjoni esperita mir-rikorrenti hi dik li s-sistema ta' pannelli fotovoltajiċi ma kinitx installata kif titlob is-sengħa u l-arti u li konsegwenza ta' hekk saret ħsara fl-istess panelli u fil-proprjetà tiegħu. Fi kliem ieħor huwa qiegħed jallega inadempjenza kontrattwali da parti tas-soċjetà intimata u, allura, qiegħed jippretendi d-danni. Kif osservat, in linea ġenerali d-danni għandhom tifsira x'aktarx allargata minn dik tas-sempliċi restituzzjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament tal-oggett mixtri. Dan, iżda, ma jfissirx, imbagħad, illi d-danni ma humiex komprensivi tar-rifużjoni tal-prezz jew tar-rimpjazzament tal-oggett jekk ix-xerrej ikun illimita ruħu għal xi waħda jew oħra minn dawn l-opzjonijiet. Ara a propożitu d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Karl Francica -vs- Luke Piscopo et", 9 ta' Jannar, 2009.*

*Premess dan, hu aċċettat illi meta l-bejgħ ma jkunx skont dak imwiegħed ossija l-oġġett mixtri ma jkunx konformi għall-ftehim pattwit jew għax ukoll difformi għall-kampjun, il-kompratur jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt avolja jkun rċieva l-oġġett tal-bejgħ. Dan huwa hekk* "in quantoche la cosa per cui consentiva risultò essere tutt'altra che quella dedotta in contratto...una cosa diversa da quella che era contemplata nel contrattare, e per ciò non si concederebbe una azione redibitoria ma quella di nullità, avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore". ("Commerciante Michele Grima -vs- Negoziante Arturo von Kohen", *Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Frar, 1884. Ara wkoll fejn si tratta ta' bejgħ mhux konformi għall-kampjun is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Hanauer nomine -vs- Giovanni Maria Debono", Appell Kummerċjali, 11 ta' Ottubru, 1915);*

*Evidentement, il-qawwa ta' din il-prospettazzjoni tinħass aktar f'materja ta' rapport kummerċjant-konsumatur skont ma jinżel mid-dispost tal-Artikolu 73 (1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. L-intensità ta' dan il-provvediment għat-tutela tal-konsumatur huwa talment estiż li joffri assikurazzjoni lix-xerrej billi jimponi obbligu fuq il-bejjiegħ illi l-oġġetti "ikunu konformi mad-deskrizzjoni mogħtija mill-kummerċjant u jkollhom il-karatteristiċi, il-fattizzi u l-kwalitajiet tal-oġġetti li l-kummerċjant ikun wiegħed jew xort'oħra ippreżenta lill-konsumatur bħala kampjun jew mudell (subpara. "a"), ikunu adatti għall-iskop partikulari li għalih il-konsumatur ikun jeħtieġhom (subpara. "b"), ikunu adatti għall-iskop li għalih oġġetti tal-istess tip normalment jintużaw (subpara "ċ") u juru l-kwalità u l-kapaċità li huma normali f'oġġetti tal-istess tip u li l-konsumatur jista' raġonevolment jistenna ... (subpara "d");*

*Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrent ma ġab l-ebda prova bħal* invoice *jew* quote *biex jiġġustifika l-ispiża minnu mitluba. Madankollu dan l-aspett m'għandux impatt fuq il-ġudizzju tat-Tribunal fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.*

*Illi minn naħa l-oħra s-soċjetà intimata qed tallega li l-ħsarat ġraw minħabba maltemp u li* 'Act of God' *hija eskluża mill-garanzija. Kif ġie osservat fil-kawża "Anthony Pirotta vs Direttur tad-Dipartiment tal-Mużewijiet' deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Novembru 2002, "*Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna "'il-forza maġġuri' hija dik il-forza li għaliha huwa impossibbli li wieħed jirreżisti, mentri 'każ fortuwitu' huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza" *(Delia v. Segretarju Permanenti et, Appell (Inferjuri) 19/05/2004 u Borg Falzon v. Darmanin, Appell Kumm. 7/06/1940), kif ukoll* "il caso fortuito o la forza maggiore è l'evento non dipendente da azione o omissione volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile" *(Azzopardi v. Arcicovich et, Appell Ċivili, 14/11/1919, Vol. XXIV, PI, p. 172). Biex ikun hemm il-każ fortuwitu jrid ikun hemm event imprevedibbli u inevitabbli. It-test għall-applikazzjoni tal-prevedibilità o meno tal-event huwa dak tad-diliġenza tal-*'bonus pater familias' *fejn in-nuqqas tagħha jirriżulta f'colpa (Kurunell Hugh v. Negte Busuttil, Appell Kummerċjali, 16/11/1942). Jekk jirriżulta mill-fatti li kien hemm konkorrezna ta' aġir pożittiv jew negattiv tal-persuna allura l-event ma jibqax jingħad li kien każ fortuwitu (App. Inf. Falzon vs Formosa 4/12/1991). Dana ifisser illi irid ikun hemm kemm l-element tal-imprevedibilità kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjetà mill-persuna illi kontriha qiegħda ssir it-talba ta' risarċiment, fil-każ odjern, is-soċjetà intimata. It-Tribunal, f'dana l-istadju, tagħmel referenza ukoll ghal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawża 'Middlesea Insurance plc et vs Waldorf Auto Services Co. Limited et' deċiża fis-17 ta' Novembru 2017 rigwardanti talba identika għal dik meritu tal-kawża odjerna, minn parti oħra, relatata mal-istess inċident li wassal għal każ odjern, fejn dik il-Qorti qalet hekk:* "Dwar l-element tal-prevedibbilità o meno tal-maltempata in kwistjoni, mill-atti jirriżulta li x-xita li għamlet fit-3 ta' Settembru 2012 kienet ħafna u dan f'ammont sostanzjali fi żmien u fix-xhieda tal-Perit Philip Grech li kkonferma li maltempata ta' tali portata hija eċċezzjonali u tiġri f'medja darba kull 75 sena. Effettivment, Carmel Galea, impjegat mal-U.C.I.M. Co. Ltd mill-1987, jgħid li din kienet l-ewwel darba kemm ilu jaħdem hemm li daħal l-ilma ġol-garaxx fejn jaħdem. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li għalkemm l-ilmijiet tax-xita fi Triq il-Wied l-Imsida mhumiex avveniment rari, il-maltempata ma kinitx waħda tas-soltu. Sabiex jissussisti l-casus l-event irid ikun irreżistibbli. Skont il-Perit Grech il-fond tal-appellanti kellu karatteristiċi u miżuri sabiex tiġi evitata inondazzjoni ta' ilma, fosthom ix-xaqlib tat-triq, Sistema ta' gutters u katusi, u driveway ta' distanza konsiderevoli

mit-triq. Hu evidenti li dan ma kienx biżżejjed. Il-perit Philip Grech mistoqsi diversi drabi dwar x'miżuri segħu ittieħdu mill-intimati biex jiġi evitat il-flooding, dejjem tenna li l-ebda miżura ma setgħet tevita jew timmitga l-effetti tal-flash flood tat-3 ta' Settembru 2012. Skont il-perit l-ebda pompa ma setgħet tlaħħaq u l-ebda sump ma kien ikun kbir biżżejjed tant illi barriera fil-viċinanzi imtliet u dan ma kellu ebda effett fuq il-livell tal-ilma li għarraq it-triq."

***Ikkunsidra***

*Wara li kkunsidra l-evidenza kollha ppreżentata miż-żewġ naħat, it-Tribunal jinnota li l-installazzjoni tas-sistema ta' pannelli solari ġiet ċċertifikata minn inġinier indipendenti wara l-installazzjoni fl-2018. Dan jindika li l-istruttura kienet installata kif suppost u skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. It-Tribunal iqis li l-evidenza ppreżentata mill-Uffiċċju Meteoroloġiku dwar il-qawwa tal-maltempata ta' Frar hija rilevanti. Huwa magħruf li l-maltempata ta' Frar kienet b'saħħitha ħafna u setgħet ikkawżat ħsara sinifikanti lil kwalunkwe struttura esposta. Jgħid ukoll li maltempata bħal din kienet ilha ma tiġri sa mis-sena 1988.*

*It-Tribunal iqis ukoll ir-responsabbiltà tal-attur biex jieħu ħsieb is-sistema ta' pannelli solari tiegħu. Ir-rappreżentant tal-kumpannija konvenuta indika li l-pannelli kienu maħmuġin ħafna, li jista' jindika nuqqas ta' attenzjoni jew manutenzjoni xierqa mill-attur. Kieku l-attur għamel spezzjoni u manutenzjoni wara l-ewwel maltempata, huwa seta' jidentifika l-ħsara u jieħu passi biex jevita ħsara ulterjuri. Illi t-Tribunal jinnota li din l-istqarrija ma ġietx kontradetta bi provi li juru li r-rikorrent kien jagħmel manutenzjoni regolari tal-pannelli.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal mhuwiex plawżibbli li l-installazzjoni ma sofriet l-ebda ħsara matul il-maltempata ta' Frar 2019, meta l-maltempata kienet ferm iktar qawwija u affettwat lil Għawdex b'mod sostanzjali, u minflok sofriet ħsara f'April 2019 matul maltempata inqas qawwija li ma kellhiex l-istess impatt fuq Għawdex. Illi x-xhieda mogħtija mill-uffiċjal tal-Uffiċċju Meteoroloġiku tagħmilha ċara li fit-tieni maltmepata, l-impatt fuq Għawdex kien ħafna inqas. Għalhekk huwa ferm iktar plawżibbli li l-verżjoni ppreżentata mill-kumpannija konvenuta hija korretta u li l-attur kien negliġenti u kkontribwixxa għall-ħsarat billi ma wettaqx spezzjoni xierqa fuq il-pannelli wara l-maltempata ta' Frar 2019. L-attur kellu obbligu li jmur jiċċekja l-pannelli wara l-maltempata sabiex jidentifika l-istat tagħhom u jkun jista' jintebaħ bi kwalsiasi ħsarat li jista' jkun hemm u jieħu passi biex jevita ħsarat ulterjuri.*

*Illi ċertament li s-soċjetà intimata ma naqsitx mid-doveri kuntrattwali tagħha u nstallat sistema skont is-sengħa u l-arti. Din toħroġ mix-xhieda tal-inġinier Mario Galea u anki mill-maltemp stess. Wieħed jista' jargumenta li l-installazzjoni kienet*

*tant tajba li rnexxilha tirreżisti l-ewwel maltempata mill-Grigal li laqtet lil Għawdex direttament. Kien biss wara t-tieni maltmepata li l-istruttura ċediet u mmaterjalizzat il-ħsara. It-Tribunal jaqbel mal-inġinier Mario Galea li probabbli l-ħsara inizjali ġiet ikkawżata mill-maltempata ta' Frar 2019 u li t-tieni maltempata kompliet tagħmel il-ħsara agħar.*

*Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, it-Tribunal isib favur il-konvenut. It-Tribunal jikkonkludi li l-ħsara lis-sistema ta' pannelli solari kienet ikkawżata prinċipalment mill-maltempata tal-24 Frar 2019, li kienet avveniment li jikkostitwixxi forza maġġuri li s-soċjetà intimata ma setgħatx tkun responsabbli għalih."*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Settembru, 2024, fejn qiegħed jitlobha sabiex:

> *"...jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, tal-10 ta' Settembru 2024, bil-konsegwenza li għar-raġunijiet fuq premessi jew waħda minnhom, hija tiddeċiedi billi tilqa' it-talba tal-attur għal kundanna ta' ħlas mingħand s-soċjetà intimata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà intimata appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (b) it-Tribunal applika ħażin il-prinċipju ta' *'Act of God'.*

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-28 ta' Ottubru, 2024, fejn stqarret li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji li qiegħed iressaq l-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata.

9. L-appellant jirrileva permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, li l-prinċipju ġenerali huwa li din il-Qorti bħala qorti tal-appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-qorti tal-ewwel istanza, u dan sakemm ma jirriżultawx ċirkostanzi eċċezzjonali jew li l-imsemmi apprezzament ma jkunx wieħed raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali. Jgħid li madankollu l-Qorti għandha s-setgħa li tagħmel l-apprezzament tagħha. Huwa jissottometti li l-liġi titlob li min jallega għandu jipprova dak li jgħid, billi jressaq l-aħjar prova, u mhux l-ewwel darba li fi proċeduri jirriżultaw verżjonijiet kunfliġġenti bejn il-partijiet. Iżda jgħid li dawn iċ-ċirkostanzi m'għandhomx iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet tal-attur u l-ġudikant għandu jiddeċiedi liema verżjoni hija aktar kredibbli fid-dawl tal-provi li jkunu tressqu mill-imsemmija partijiet. L-appellant jissottometti li l-ħsarat in kwistjoni ġew ikkawżati fl-Għid tas-sena 2019, u mhux fi Frar 2019. Jirrileva li s-sistema kienet ġiet installata fir-residenza tiegħu, u għalhekk dak li qal huwa stess, kellu jingħata aktar piż minn dak li ġie allegat mis-soċjetà appellata. Jikkontendi li dak li qal hu kien aktar verosimili. L-appellant jissottometti li t-Tribunal ta piż lix-xhieda ta' Louise Mercieca fejn qalet li meta aċċedew il-ħaddiema tas-soċjetà appellata, huma kienu sabu li l-pannelli kienu maħmuġin sew, u dan kien juri li huwa kien ilu xhur ma jitla' fuq il-bejt tad-dar tiegħu. Jikkontendi li din ix-xhieda hija *detto del detto,* u kellhom jixhdu l-ħaddiema stess dwar dan. Jirrileva li saħansitra lanqas kienu jirriżultaw l-elementi *ai termini* tal-artikolu 599 tal-Kap. 12, sabiex l-imsemmija xhieda tingħata piż. L-appellant jgħid li fi kwalunkwe każ il-qorti għandha tordna li tinġieb l-aħjar prova, iżda fil-każ odjern din ma tressqitx.

10. Is-soċjetà appellata twieġeb billi tinsisti li l-appell tal-appellant huwa ntiż sabiex din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li tressqu quddiem

it-Tribunal, iżda fil-fehma tagħha ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw li għandu jsir dan l-apprezzament. Issostni li l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal ċertament ma jistax jiġi kkunsidrat bħala wieħed żbaljat. B'riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 599 tal-Kap. 12, hija tissottometti li dak li qalet ix-xhud Louise Mercieca kien ta' importanza għall-każ odjern, għaliex isaħħaħ l-argument tagħha li diġà fi Frar 2019 is-sistema kienet ġarrbet il-ħsara, u l-appellant kien naqas li jikkonferma kif din kienet tinsab, u għalhekk wara l-maltempata ta' April 2019, l-istruttura ċediet. Is-soċjetà appellata tissottometti li kieku l-appellant ottempora ruħu mal-istruzzjonijiet tagħha u tela' jnaddaf il-pannelli wara l-maltempata ta' Frar 2019, huwa kellu jinduna bil-ħsara u b'hekk ukoll kien jevita ħsara ulterjuri. Tgħid li ma saret l-ebda prova li setgħet tiċħad l-ilment, u saħansitra ma kien hemm l-ebda prova li l-appellant kien jagħmel manutenzjoni regolari tal-panelli. B'hekk ix-xhieda ta' Louise Mercieca kienet waħda importanti għall-każ odjern. Issostni li fid-dawl tax-xhieda tal-Inġinier Mario Galea, u ta' Jeffrey Custò li kien rappreżentant tal-Uffiċċju Meteoroloġiku, il-verżjoni tagħha kienet tassew aktar kredibbli.

11. Il-Qorti tikkunsidra li s-soċjetà appellata għandha tinżamm responsabbli għad-danni li ġarrab l-appellant. Fl-Avviż tat-Talba tiegħu l-appellant jinsisti li meta ġiet installata s-sistema, is-soċjetà appellanta użat ħadid li m'assigurax li l-istruttura tagħha kienet waħda b'saħħitha u li tiflaħ għall-irjieħat komuni. Min-naħa tiegħu t-Tribunal ikkunsidra li s-soċjetà appellata *'...ma naqsitx mid-doveri kuntrattwali tagħha u nstallat sistema skont is-sengħa u l-arti'.* It-Tribunal straħ fuq ix-xhieda ta' l-Inġinier Mario Galea, li kien iċċertifika s-sistema, u fuq l-allegat maltemp li kien ħakem il-Gżejjer Maltin, fejn skont l-istess Tribunal l-istruttura

kienet tajba biżżejjed sabiex ma ċedietx fl-ewwel maltempata ta' Frar 2019 fejn laqat il-Grigal, u kien biss mat-tieni maltempata fejn din ċediet. It-Tribunal aċċetta l-opinjoni tal-Inġinier Mario Galea li din kienet sofriet ħsara fl-ewwel maltempata, li kompliet tiżdied mat-tieni waħda. Huwa kkunsidra wkoll li ġaladarba s-sistema kienet ġiet iċċertifikata mill-imsemmi Inġinier Galea li kien inġinier indipendenti, is-sistema kienet ġiet installata kif kellu jkun, u skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur. It-Tribunal qal li kien imbagħad jispetta lill-appellant li jieħu ħsieb is-sistema installata fir-residenza tiegħu, u hawnhekk ħa in konsiderazzjoni dak li xehdet Louise Mercieca li meta l-ħaddiema tas-soċjetà appellata kienu nnutaw li l-pannelli kienu maħmuġin ferm, u dan kien juri nuqqas ta' attenzjoni jew manutenzjoni min-naħa tal-imsemmi appellant. Ikkunsidra li kieku l-appellant ħa ħsieb li jispezzjona s-sistema wara l-ewwel maltempata, il-ħsara riżultanti wara t-tieni maltempata kienet tiġi evitata.

12. Il-Qorti qabel xejn tikkunsidra li ma jirriżultax ċar mill-provi li l-ewwel maltempata kienet diġà ħalliet l-effetti tagħha fuq is-sistema, għalkemm din dejjem kienet possibilità. Għalhekk it-Tribunal ma kellux faċilment jaċċetta dak li qal l-Inġinier Mario Galea, li wara kollox kien ġie inkarigat mis-soċjetà appellata klijenta tiegħu sabiex jiċċertifika s-sistema, u kien qiegħed biss jissuġġerixxi dak li fl-opinjoni tiegħu seta' ġara fil-każ odjern. Tgħid li min-naħa tagħha s-soċjetà appellata ma werietx li l-appellant kien negliġenti b'xi mod, għaliex dak li assumiet minn osservazzjoni mhux ippruvata tal-ħaddiema tagħha, ċertament ma tistax tjikkostitwixxi prova indubitabbli. Lanqas ma uriet li l-istruttura tas-sistema kienet waħda li kellha tiflaħ għall-irjieħat sostanzjali, jekk mhux l-irwiefen

straordinarji li jolqtu b'aktar saħħa lokal daqstant espost bħal ma huwa ż-Żebbuġ, Għawdex.

13. Tikkunsidra li kuntrarjament għal dak li qal it-Tribunal, ix-xhieda tal-Inġinier Mario Galea ma tistax tkun prova tal-allegat fatt li s-soċjetà appellata eżegwiet l-installazzjoni tas-sistema skont is-sengħa u l-arti, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern. Hawnhekk il-Qorti tgħid li huwa opportun li tiċċita dak li xehed l-imsemmi inġinier:

> *"...jien rajt li l-istruttura kienet installata skont kif hu mitlub lis-soċjetà konvenuta sabiex jinstallawha minn imprendituri barra minn Malta li minn għandhom jixtru l-istruttura. L-*inspection *li jien nikkonduċi hija limitatament viżwali u għalhekk jien ma nistax nikkonferma jew altrimenti niddetermina x'tip ta' boltijiet jew il-ħxuna tagħhom. Madanakollu nista' nikkonferma li l-istruttura tiġi f'*parts *minn barra minn Malta mgħoddija lis-soċjetà konvenuta kif spjegajt u għalhekk għandna ikollna s-serħan tal-moħħ li dik l-istruttura jkollha l-ispeċifikazzjonijiet kif jibgħatuha minn barra".*

14. Il-Qorti tgħid li dak li qal l-Inġinier Galea jista' biss ikun prova tal-fatt li l-installazzjoni saret skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur. Iżda m'hemmx dubju li fil-każ partikolari, l-istruttura tas-sistema ma kinitx b'saħħitha biżżejjed sabiex tiflaħ għall-elementi ta' ċertu qawwa f'lokal daqstant espost. Huwa minnu li fl-istess sena seħħew żewġ maltempati konsiderevoli, iżda ma jistax jiġi aċċettat li l-istess struttura normalment installata f'lokalitajiet oħra mingħajr ma tat problemi, ma kinitx soda biżżejjed fil-każ partikolari, u ta' dan in-nuqqas tista' taħti biss is-soċjetà appellata.

15. Il-Qorti tikkunsidra li peress li jirriżulta li s-soċjetà appellata ma eżegwietx l-inkarigu tagħha kif kien mistenni minn għandha, hija m'għandhiex għalfejn tikkunsidra t-tieni aggravju tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tilqa' l-appell odjern, billi tħassar id-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Tordna lis-soċjetà appellata sabiex fi żmien tliet (3) xhur teżegwixxi dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex is-sistema tiġi ripristinata fl-intier tagħha, u fin-nuqqas tordna li hija għandha tħallas lill-appellant is-somma ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500), bl-imgħaxijiet dekorribbli mill-għeluq tat-tliet (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.**

**L-ispejjeż tal-preżenti appell u tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**